Qorti ta' l-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru:- 26/2013AE

**Nicholas Farrugia**

**vs**

**Dorian Tanti**

L-Erbgha, 16 ta' Dicembru 2015.

Il-proceduri jittrattaw incident tat-traffiku li sehh fil-25 ta' Dicembru 2010 ghall-habta tal-11.20am fi Triq Hal Safi, Hal Kirkop bejn il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni NIC 244 proprjeta' tar-rikorrent u misjuqa minn Nicolai Farrugia u l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni DOR 179 misjuqa mill-intimat Dorian Tanti. Ir-rikorrent ipproceda quddiem it-Tribunal tal-Arbitragg fejn talbu jiddikjara li l-incident in kwistjoni sehh unikament tort ta' traskuragni, imprudenza u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku mill-intimat. Talab ukoll lit-Tribunal jordna lill-istess intimat sabiex ihallas is-somma ta' sitt elef u hames mitt Ewro (Eur6,500) bhala danni kagunati lill-vettura NIC 244 li kawza tal-istess incident spiccat *beyond economical repair*. Min-naha tieghu l-intimat cahad il-pretensjonijiet kollha tar-rikorrent u qal li l-incident sehh tort tar-rikorrent stess.

Mill-atti tal-kaz jirrizulta li:-

i. Id-dinamika tal-incident hija karatterizzata minn verzjonijiet konfliggenti mill-partijiet.
ii. Is-sewwieq tal-vettura NIC 244, Nicolai Farrugia jghid li huwa kien gej minn Hal Kirkop sejjer lejn iz-Zurrieq u l-incident gara fi Triq Hal Safi. In-naha tat-triq minn fejn kien gej hija aktar wiesgha minn naha l-ohra tat-triq. Kien qieghed isuq bil-mod ghax ftit lura minn fejn gara l-incident kien hemm *sleeping policeman*. Waqt li kien qieghed isuq ra vettura gejja b'velocita' qawwija mid-direzzjoni opposta fil-karreggata tieghu. Din il-vettura harget minn kisra u meta raha ghafas lejn il-hajt imma xorta gie milqut fuq in-naha ta' wara fuq il-lemin. Bid-daqqa l-vettura daret u giet thares fid-direzzjoni minn fejn kienet gejja u spiccat gol-hajt. Din il-verzjoni hija korroborata minn Dorian Cutajar, il-passiggiera li kienet riekba fuq quddiem ma' gemb ir-rikorrent.
iii. L-intimat Dorian Tanti qal li kien diehel Hal Kirkop. F'dan il-hin huwa ra vettura fuq

ix-xellug tieghu hdejn il-bankina wieqfa thares fid-direzzjoni minn fejn kien gej. Din il-vettura qasmet minn quddiemu biex tmur fid-direzzjoni taz-Zurrieq. Minkejja li ghafas il-brejk biex jevita l-habta dan ma rnexxilux. Qal li qabel l-incident kien qieghed isuq b'xi 35kfs ghax kien ghadu kemm dahar mar-roundabout. Ikkonferma kien qed isuq iktar vicin il-linja tan-nofs.

iv. Ma rrizultax *spot of impact*.

v. Hemm sinjali ta' marki ta' brejkijiet ta' tul ta' erbatax–il metru fl-iskizz tal-Pulizija.

vi. Fir-*road accident report* jinghad li r-rikorrent qal li l-brejk mark hi tal-vettura tal-intimat, filwaqt li l-intimat cahad. Sussegwentement meta xehed qal li l-brejk mark kien tal-vettura tieghu u jaqbel ma' dak muri fl-iskizz. Min-naha tieghu r-rikorrent insista li l-brejk mark kienet aktar lejn il-linja tan-nofs.

B'decizjoni tal-25 ta' Settembru 2013 intlaqghu t-talbiet tar-rikorrent u l-intimat gie kkundannat ihallas is-somma ta' sitt elef u hames mitt Ewro (Eur6,500) bl-imghax legali u bl-ispejjez. L-Arbitru kkonkluda li l-verzjoni tal-incident li ta l-intimat ma kinitx kredibbli kif jirrizulta anke mid-dinamika tal-hsarat fil-vetturi u l-pozizzjoni li spiccaw fiha wara l-impatt.

L-intimat appella mid-decizjoni tat-Tribunal. Nonostante dak dikjarat fil-verbal tat-3 ta' Gunju 2015, it-twegiba tal-appell tar-rikorrent ma jidhirx li giet prezentata in kwantu m'hijiex fl-atti.

Waqt is-seduta tal-5 t'Ottubru 2015, deheru d-difensuri tal-partijiet li ttrattaw il-kaz u dan thalla ghas-sentenza.

**L-aggravju tal-appellant.**

L-appellant jilmenta li l-provi cirkostanzjali juru proprju l-oppost ta' dak li gie deciz mill-arbitru u li ghalhekk kien ir-rikorrent appellat li missu nstab responsabbli ghall-incident in kwistjoni. Dan ghaliex sostanzjalment:

i. Filwaqt li l-arbitru enfasizza fuq is-sewqan eccessiv tal-intimat u l-marki tal-brejkijiet tal-vettura tieghu, huwa naqas milli jaghti piz lill-fatt li Nicolai Farrugia kien negligenti meta minkejja li ra lill-intimat gej mid-direzzjoni opposta huwa xorta ddecieda li jinvadilu l-karregjata u jibqa' hiereg mill-parkegg;

ii. Il-marki tal-brejkijiet tal-vettura tal-intimat juru li din kienet ghaddejja fuq in-naha tajba tat-triq u li xi haga gieghlitu jaghfas il-brejk f'salt – dan seta' jkun biss minhabba li sab quddiemu l-vettura ta' Farrugia;

iii. Il-pozizzjoni tal-hsarat finali tal-vetturi turi li sar impatt bejn iz-zewg vetturi meta dik ta' Farrugia kienet angolata lejn ix-xellug. Tenut ukoll kont tal-pozizzjoni tal-marki tal-brejkijiet, l-unika konkluzjoni li tista' temergi hi li meta sehh l-impatt Farrugia kien angolat fuq in-naha l-hazina tat-triq ihares lejn ix-xellug.

Wara li l-qorti rat l-atti u semghet it-trattazzjoni tad-difensuri, tosserva:-

1. Fil-verzjoni li l-intimat ta lill-pulizija jinghad li cahad li l-brejk mark li hemm fl-iskizz hu tal-vettura tieghu. Meta xehed quddiem l-Arbitru qal: *"Jiena hallejt brake mark kif jidher fl-iskizz"*. L-intimat ma spjegax ghalfejn biddel il-verzjoni u dan inissel suspett kemm qal il-verita. Il-qorti ghandha wkoll dubju serju kemm il-brejk mark hu tal-vettura tal-intimat meta tqies li ma jkomplix sa taht il-vettura DOR 179.

2. Ma tqiesx kredibbli l-verzjoni tal-intimat meta tikkunsidra l-posizzjoni tal-vettura tar-rikorrent kif tidher fl-iskizz li ghamel il-pulizija li nvestiga l-kaz. F'dan ir-rigward l-Arbitru qal:

   *"Li kieku l-incident gara kif qed isostni Dorian Tanti, u cioe li Nicholas Farrugia kien ipparkjat fix-xellug tieghu u qasam minn quddiemu biex imur fid-direzzjoni taz-Zurrieq, il-probabilita kienet tkun li l-incident kien isehh fuq in-naha tat-triq minn fejn kien ghaddej Tanti u li l-vetturi kienu jispiccaw mahbutin f'dik il-parti tat-triq. Minflok spiccaw kompletament mod iehor bil-vettura ta' Farrugia mbuttata u mahbuta mal-hajt"*.

   Il-qorti taqbel ma' dan ir-ragunament. Il-qorti tqies mhux probabbli li l-vettura NIC 244 kienet qeghda taqsam il-karreggata minn fejn kienet ghaddejja l-vettura DOR 179 u bl-impatt spiccat fuq in-naha l-ohra tat-triq fil-posizzjoni li tidher fl-iskizz, b'distanza ta' 20.2 metru 'l boghod mill-vettura DOR 179.

3. Il-verzjoni ta' Dorian Cutajar tikkorabora l-verzjoni tar-rikorrent. Fattur iehor favur it-tezi tar-rikorrent. Xhud li ma sarx il-kontro-ezami taghha. F'dak li qalet ix-xhud, il-qorti ma ssib xejn kontradittorju.

4. L-intimat xehed li: *"….. lqatt il-vettura tieghu fuq il-gemb ta' wara bil-ponta ta' quddiem tal-lemin tieghu"*. Li kieku l-vettura NIC 244 qasmet minn quddiem il-vettura tal-intimat, il-probabilita hi li l-vettura DOR 179 ma kinitx ser tolqotha bil-ponta ta' quddiem izda bil-faccata.

Cirkostanzi li jaghmlu l-verzjoni tar-rikorrent iktar kredibbli minn dik tal-intimat.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti tichad l-appell bl-ispejjez kontra l-appellant.**

**Anthony Ellul**